**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` April 2019**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Nru. 26/18 JZM**

**1. Joseph Mallia**, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 0370635 (M), f`ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta` bintu l-assenti **Elizabeth Katharine Mallia**, kif debitament awtorizzat;

**2. Nathan Julian Mallia**, detentur tal-karta ta` l-identita` 99554 (M);

**3. Ignatius Mallia**, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 139271 (M);

**4. Rebecca Gouder**, detentrici tal-karta ta` l-identita` numru 422675 (M);

***Kontra***

**1. JA & M Developments Ltd.**, bin-numru ta` registrazzjoni C 29981;

**2. Albert Attard**, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 0075870 (M);

**3. Jean Pierre Attard**, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 0781560 (M);

**4. Emanuel Zahra**, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 0812157 (M).

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fis-26 ta` Novembru 2018 li jaqra hekk :–

## *A. PRELIMINARI*

*ILLI l-esponenti qieghdin jipprezentaw dan ir-rikors:*

***1.*** *Fl-ewwel lok, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 214 (2) (a) (ii), 214 (5) (a) u 218 (1) (b) tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta), sabiex il-kumpannija intimata tigi xolta, u konsegwentement stralcjata, b`ordni ta` din l-Onorabbli Qorti,* ***peress illi hija mhijiex f`qaghda illi thallas id-djun taghha****;*

***2.*** *Fit-tieni lok, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 214 (2) (b) (iii) u 218 (1) (c) tal-istess imsemmi Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex l-istess kumpannija intimata tigi xolta, u konsegwentement stralcjata, b`ordni ta` din l-Onorabbli Qorti,* ***peress illi jezistu ragunijiet gravi bizzejjed illi jiggustifikaw ix-xoljiment u l-konsegwenti stralc tal-istess kumpannija intimata****;*

***3.*** *Fit-tielet lok, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 315 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-intimati l-ohrajn, ossija Albert Attard, Jean Pierre Attard, u Emanuel Zahra, flimkien u solidalment bejniethom jew min minnhom, li lkoll huma diretturi tal-kumpannija intimata u kienu xjentement partijiet fit-tmexxija tan-negozju*

*tal-istess kumpannija intimata, mexxew l-istess kumpannija intimata bi hsieb ta` frodi tal-esponenti, kredituri tal-kumpannija intimata, u konsegwentement sabiex din l-Onorabbli Qorti ssib lill-istess tlett intimati* ***responsabbli personalment, minghajr ebda limitazzjoni ta` responsabilita`, ghad-dejn illi l-kumpannija intimata ghandha mal-esponenti, u sabiex tikkundannhom ihallsu l-istess dejn;***

## *B. <u>FATTI</u>*

*ILLI l-kumpannija intimata giet inkorporata fis-17 ta` Lulju 2002, u l-iskop principali taghha matul is-snin kien illi tixtri, tizviluppa, u tbiegh proprjeta` immobbli;*

*ILLI, fil-fatt, matul is-snin, il-kumpannija intimata zviluppat numru ta` progetti fosthom "High Ridge Residence", fi Triq il-Pedidalwett, High Ridge, Saint Andrews, konsistenti fi hdax-il maisonette u zewg sulari ta` garages, "Wilton Court", gewwa Triq Depiro, Sliema, konsistenti fi tnax-il appartament, penthouse, u zewg livelli ta` garages/parking spaces, u "Louisville Court", ukoll gewwa Triq Depiro, Sliema, konsistenti fi hdax-il appartament, zewg penthouses u zewg livelli ta` garages/parking spaces;*

*ILLI l-kumpannija intimata kienet twettaq dawn l-izviluppi billi tixtri u takkwista fond, jew izjed minn wiehed adjacenti, tizviluppa korp ta` bini, u tbiegh u titrasferixxi partijiet, ossija units, mill-istess korp ta` bini lil terzi persuni bi qliegh;*

*ILLI, fl-2003, u waqt illi l-kumpannija intimata kienet qed tizviluppa l-korp ta` bini ossija "Wilton Court", hawn fuq imsemmi, hija kienet invadiet parti diviza mill-gnien formanti parti mill-proprjeta` tal-attur Joseph Mallia u ta` martu, llum defunta, Margaret Mallia, ossija 135, Triq il-Kullegg il-Qadim, Sliema, u dan minghajr ebda dritt validu fil-ligi;*

*ILLI, konsegwentement, permezz ta` citazzjoni tas-**17 t`Ottubru 2005** fl-ismijiet Joseph Mallia u martu Margaret Mallia vs. JA & M Developments Limited (C 29981), ossija citazzjoni numru 992/2005 JRM, l-esponent Joseph Mallia u martu kienu talbu lill-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili sabiex, fost ohrajn, **f`kaz illi jirrizulta illi l-parti diviza mill-gnien li kienet nvadiet il-kumpannija intimata ma kienitx ghadha fil-pussess taghha, tordna lill-kumpannija ntimata sabiex thallas, lill-***

***esponent Joseph Mallia u lil martu, l-profitt kollu li kienet ghamlet l-istess kumpannija intimata mill-uzu u mit-trasferiment tal-istess parti diviza mill-gnien, proprjeta` tal-istess esponent Joseph Mallia u ta` martu;***

*ILLI, permezz ta` sentenza tal-**14 ta` Dicembru 2017** (**DOK: A**), l-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili ddecidiet ic-citazzjoni promutorja tal-esponent Joseph Mallia u ta` martu billi, fost ohrajn, ikkundannat lill-kumpannija intimata sabiex thallas, lill-istess esponent Joseph Mallia u lil martu, s-somma ta` €164,064.00, rapprezentanti, proprju, **l-profitt kollu li kienet ghamlet il-kumpannija intimata mill-uzu u mit-trasferiment tal-parti diviza mill-gnien proprjeta` tal-esponent Joseph Mallia u ta` martu**, u dan flimkien mal-ispejjez kollha tal-kawza;*

*ILLI minn din is-sentenza ma sar l-ebda appell (**DOK: B**);*

*ILLI, permezz ta` ittra legali tal-20 ta` Frar 2018 (**DOK: C**), il-kumpannija intimata giet interpellata sabiex thallas is-somma kumplessiva ta` €169,459.54, rapprezentanti kreditu kanonizzat u spejjez tal-kawza msemmija, izda l-istess kumpannija intimata baqghet inadempjenti;*

*ILLI, nhar il-21 ta` Frar 2018, l-esponent Joseph Mallia u martu talbu - u nhar it-22 ta` Frar 2018 huma ottjenew - il-hrug ta` mandat ta` sekwestru ezekuttiv, ossija mandat numru 283/2018, fil-konfront tal-kumpannija intimata, u dan in ezekuzzjoni tal-kreditu kanonizzat taghhom fis-somma ta` €164,064.00 u l-spejjez tal-kawza (**DOK: D**);*

*ILLI, minkejja li l-imsemmi mandat ta` sekwestru ezekuttiv gie debitament ezegwit fuq sitt sekwestratarji, ma nstabu l-ebda flejjes tal-kumpannija intimata sabiex jissodisfaw il-kreditu kanonizzat tal-esponent Joseph Mallia u ta` martu, kif hawn fuq spjegat, tant illi, sallum, baqa` ma sar l-ebda depozitu mill-istess sekwestratarji skond il-ligi;*

*ILLI, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 214 (5) (a) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, kumpannija titqies li ma tkunx tista` thallas id-djun taghha jekk id-dejn dovut mill-kumpannija ma jithallasx, ghal kollox jew in parti, wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta` titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b`xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmija fl-Artikolu 273 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet*

*ta` Malta);*

*ILLI, minn dak li inghad hawn fuq, senjatament mill-fatt illi l-kumpannija intimata ma ghandhiex flus kontanti depozitati f`banek lokal, u minn dak illi ser jinghad aktar tard f`dan ir-rikors, senjatament li l-kumpannija intimata m`ghandhiex bizejjed assi mmobbli sabiex tissodisfa l-kreditu tal-esponenti, ghandu jirrizulta car u manifest li l-kumpannija intimata ma tistax thallas id-djun taghha skond kif jiddisponu l-Artikoli 214 (2) (a) (ii), 214 (5) (b) u 218 (1) (b) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*ILLI l-esponenti jissottomettu umilment illi x-xoljiment u l-konsegwenti stralc tal-kumpannija intimata ghandu jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti anke ghaliex, kif ser jigi spjegat aktar tard f`dan ir-rikors, jirrizulta bl-aktar mod lampanti illi l-kumpannija intimata giet operata b`abbuz a skapitu tal-kredituri tal-istess kumpannija intimata, senjatament tal-esponenti, u ghalhekk jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna ukoll ix-xoljiment u l-konsegwenti stralc tal-kumpannija intimata skond l-Artikoli 214 (2) (b) (iii) u 218 (1) (c) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*ILLI, wara l-mewt ta` Margaret Mallia, l-assi ereditarji kollha taghha iddevolvew in kwantu ghal nofs indiviz favur tal-esponent Joseph Mallia, u in kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor fuq uliedha, ossija fuq l-esponenti Elizabeth Katharine Mallia, Nathan Julian Mallia, Ignatius Mallia u Rebecca Gouder, f`sehem indaqs bejniethom;*

*ILLI, permezz ta` ittra ufficjali tas-27 t`April 2018 (**DOK: E**), l-esponenti interpellaw lill-intimati kollha sabiex ihallsuhom is-somma kumplessiva ta` €174,274.88, rapprezentanti l-kreditu kanonizzat, l-imghaxijiet sas-26 t`April 2018, u l-ispejjez tal-kawza hawn fuq imsemmija, izda l-intimati hallsu biss l-ispejjez tal-kawza u mhux ukoll il-kreditu u l-imghaxijiet;*

*ILLI, fl-ittra ufficjali hawn fuq msemmija, l-esponenti kienu wissew lill-intimati kollha illi, f`kaz illi huma jonqsu milli jwettqu l-hlas mitlub minghandhom fiz-zmien lilhom prefiss, l-esponenti kienu ser jipprocedu kontra taghhom ulterjorment billi, f`cirkostanzi fejn l-intimati, fil-kapacita` taghhom ta` diretturi tal-kumpannija intimata, kienu jafu bil-pendenza tal-kawza hawn fuq imsemmija, u bil-fatt illi l-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili kienet ghadha trid tillikwida s-somma dovuta mill-kumpannija intimata lill-esponenti, l-intimati personalment, ossija l-intimati Albert Attard, Jean*

*Pierre Attard u Emanuel Zahra bhala diretturi tal-kumpannija intimata, xorta wahda kienu ghaddew sabiex battlu lill-istess kumpannija intimata mill-assi mmobbli kwazi kollha taghha, u mill-profitti kollha li kienet iggenerat matul is-snin, biex b`hekk, illum il-gurnata, l-istess kumpannija intimata m`hijiex f`posizzjoni li tonora l-obbligi taghha naxxenti mis-sentenza hawn fuq imsemmija, ossija ma tistax thallas id-dejn dovut minnha lill-esponenti;*

*ILLI, fl-istess ittra ufficjali, l-esponenti kienu wissew ukoll lill-intimati kollha li dan l-agir taghhom kien jikkostitwixxi, fost ohrajn, kummerc bi frodi, u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 315 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, u konsegwentement kien irendi lill-istess intimati responsabbli flimkien u solidalment bejniethom, u minghajr ebda limitazzjoni ta` responsabilita`, ghad-djun li ghandha l-kumpannija intimata mal-esponenti naxxenti mis-sentenza tal-Prim` Awla tal-Qorti Civili hawn fuq imsemmija;*

*ILLI, effettivament, mir-ricerki li saru mill-esponenti dwar il-kumpannija intimata mar-Registru Pubbliku, jirrizulta illi, minkejja l-pendenza tal-kawza hawn fuq imsemmija, l-kumpannija intimata kienet baqghet tbiegh l-izviluppi li kienet wettqet qisu xejn m`hu xejn, tant illi l-istess kumpannija intimata baqghet sakemm tnezzghet, mill-intimati Albert Attard, Jean Pierre Attard u Emanuel Zahra, bhala d-diretturi taghha, mill-assi mmobbli kwazi kollha li kellha, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors;*

*ILLI, apparti minn hekk, mir-ricerki li saru mill-esponenti dwar il-kumpannija intimata mar-Registratur tal-Kumpanniji, jirrizulta li l-kumpannija intimata, addirittura, tnezzghet ukoll, mill-istess intimati,* ***mill-profitti kollha li kienu gew generati minnha matul is-snin****, u dan minkejja li l-istess intimati kienu jafu bl-ezistenza u bl-estent tal-pretensjonijiet tal-esponenti kif dedotti fil-kawza msemmija,* ***liema pretensjonijiet, addirittura, kienu bbazati fuq dawn l-istess profitti*** *kif hawn fuq spjegat;*

*ILLI, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 315 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta: "****Jekk waqt l-istralc ta` kumpannija [...] ikun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-hsieb ta` frodi ta` kredituri tal-kumpannija [...] jew bil-ghan ta` frodi, il-qorti tista` fuq rikors [...] ta` xi kreditur [...], jekk jidhrilha xieraq li taghmel hekk, tiddikjara li xi persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, minghajr ebda limitazzjoni ta` responsabbiltà ghal kull jew ghal xi***

***dejn jew responsabbiltajiet ohra tal-kumpannija kif il-qorti tista` tordna****";*

*ILLI l-intimati Albert Attard, Jean Pierre Attard u Emanuel Zahra lkoll kienu xjentement partijiet fit-tmexxija tan-negozju tal-kumpannija intimata, liema negozju kjarament tmexxa bil-hsieb li jigu ffrodati l-esponenti, bhala kredituri tal-istess kumpannija intimata, partikolarment, izda mhux biss, meta l-istess intimati, bieghu, ossija ddisponew favur terzi, mill-assi mmobbli kwazi kollha li kellha l-kumpannija intimata, flimkien mal-proftti kollha li kienet iggenerat l-istess kumpannija intimata matul is-snin, u, fl-istess waqt, naqsu milli jhallsu l-ammont dovut mill-kumpannija intimata lill-esponenti skond sentenza tal-Qorti;*

*ILLI, ghalhekk, fil-fehma umli tal-esponenti, jezistu ragunijiet sufficjenti skond il-ligi sabiex l-intimati Albert Attard, Jean Pierre Attard, u Emanuel Zahra, jinzammu responsabbli, flimkien u solidalment bejniethom, minghajr ebda limitazzjoni ta` responsabilita`, ghad-dejn li l-kumpannija intimata ghandha fil-konfront tal-esponenti, u dan skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 315 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*ILLI, sal-lum, il-kumpannija intimata ghandha thallas, lill-esponenti, s-somma kumplessiva ta`* ***€176,389.57****, rapprezentanti in kwantu ghal €164,064.00 bhala kreditu kanoizzat u in kwantu ghal €12,325.57 imghaxijiet mill-15 ta` Dicembru 2017 sat-22 ta` Novembru 2018, u l-imghaxijiet ser jibqghu jiddekorru fuq is-somma ta` €164,064.00 sad-data tal-pagament effettiv skond il-ligi;*

*ILLI ghalhekk kellu jigi pprezentat dan ir-rikors.*

## ***C. TALBIET***

*GHALDAQSTANT jghidu l-intimati ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna:*

***1.*** *TIDDIKJARA illi l-kumpannija intimata JA & M Developments Ltd. ma tistax thallas id-djun taghha ghaliex id-dejn dovut minnha lill-esponenti baqa` ma thallasx ghal kollox wara li ghaddew aktar minn erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta` titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija intimata*

*b`xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmija fl-Artikolu 273 Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 214 (2) (a) (ii), 214 (5) (a) u 218 (1) (b) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

***2.*** *TIDDIKJARA illi, fi kwalunkwe kaz, jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-konsegwenti stralc tal-kumpannija intimata JA & M Developments Ltd. skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 214 (2) (b) (iii) u 218 (1) (c) tal- Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta;*

***3.*** *TORDNA x-xoljiment u l-konsegwenti stralc tal-kumpannija intimata b`effett mill-jum imsemmi fl-Artikolu 223 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, u taghti, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 219 tal-istess Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti kollha li jidhrulha xierqa u opportuni waqt l-andament tal-proceduri odjerni;*

***4.*** *TIDDIKJARA, fi stadju ulterjuri tas-smigh ta` dan ir-rikors, ossija waqt il-process tal-istralc tal-kumpannija intimata, u skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 315 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, illi l-intimati Albert Attard, Jean Pierre Attard, u Emanuel Zahra, jew min minnhom, bhala diretturi tal-kumpannija intimata, xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod hawn fuq deskritt, u mexxew lill-kumpannija intimata bil-hsieb ta` frodi lejn l-esponenti, u ghalhekk tiddikjara illi l-istess Albert Attard, Jean Pierre Attard u Emanuel Zahra, flimkien u solidalment bejniethom jew min minnhom, huma responsabbli personalment, minghajr ebda limitazzjoni ta` responsabilita`, ghad-dejn tal-kumpannija intimata fil-konfront tal-esponenti naxxenti mis-sentenza fl-ismijiet Joseph Mallia u martu Margaret Mallia vs. JA & M Developments Limited (C 29981), ossija citazzjoni numru 992/2005 JRM, moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili nhar l-14 ta` Dicembru 201, ossija ghas-somma ta` €164,064.00, bl-imghaxijiet mill-15 ta` Dicembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv;*

***5.*** *TIKKUNDANNA lill-intimati Albert Attard, Jean Pierre Attard, u Emanuel Zahra, sabiex ihallsu, lill-esponenti, d-dejn tal-kumpannija intimata naxxenti mis-sentenza fl-ismijiet Joseph Mallia u martu Margaret Mallia vs. JA & M Developments Limited (C 29981), ossija citazzjoni numru 992/2005 JRM, moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili nhar l-14 ta` Dicembru 2017, ossija s-somma ta` €164,064.00, bl-imghaxijiet mill-15 ta` Dicembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-*

*subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta prezentata fl-1 ta` Frar 2019 li taqra hekk :-

*1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti fil-kapacita` taghhom bhala Diretturi tal-kumpannija JA&M Developments Ltd., li ghandha n-numru ta` registrazzjoni taghha C-29981 b`riferenza ghal premessi u ghal fatti elenkati u t-talbiet kollha li saru fir-rikors promotur li sar da parti ta` Joseph Mallia f`ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta` bintu l-assenti Elizabeth Katherine Mallia, da parti ta` Nathan Julian Mallia, Ignatius Mallia u Rebecca Gouder, huma jichduhom in toto, fil-fatt u fid-dritt fil-mertu taghhom, filwaqt li jirrespingu wkoll bis-sahha kollha certi allegazzjonijiet infondati li saru f`tali rikors promotur, kif ser ikun ben spjegat, asserit u ppruvat fil-mori ta` dawn il-proceduri odjerni;*

*2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghas-sueccepit, l-intimati fl-istess kapacita` taghhom ta` Diretturi tal-kumpannija JA&M Developments Ltd., li ghandha n-numru ta` registrazzjoni taghha C-29981 in kwantu l-asserzjoni da parti tar-rikorrenti kollha, illi l-kumpannija intimata mhijiex f`qaghda illi thallas id-djun taghha, dan mhuwiex assolutament minnu ghal zewg ragunijiet principali illi huma marbutin mal-fatt illi l-kumpannija stess ghad ghandha assi mmobiljari bizzejjed illi jekk jigu mibjughin, dawn ghandhom valur fis-suq li jmur oltre mill-ammont illi fuq nqatghet is-sentenza tal-14 ta` Dicembru 2017 mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ta` Joseph Mallia u martu Margaret Mallia vs. JA&M Developments Ltd. (Citazz. Nru. 992/05JRM), u oltre minn hekk, tali sentenza prezentament qed tigi wkoll attakkata f`kuntest ta` ksur ta` drittijiet fundamentali permezz ta` kawza kostituzzjonali li llum hija miftuha ghal dan l-iskop. Ghal dawn ir-ragunijiet u fir-rigward tal-ewwel talba elenkata fir-rikors promotur tar-rikorrenti, din l-istess talba ghandha tigi responta u michuda fil-fatt u fid-dritt ghaliex mhijiex gustifikata u mhijiex veritiera in kwantu r-realta` tas-sitwazzjoni tal-kumpannija intimata kif ser jigi wkoll ippruvat b`mod tekniku;*

*3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghas-*

*sueccepit, b`mod fattwali, l-intimati fl-istess kapacita` taghhom ta` Diretturi tal-kumpannija JA&M Developments Ltd., li ghandha n-numru ta` registrazzjoni taghha C-29981, qatt u fl-ebda okkazjoni ma mexxew il-kumpannija bi hsieb ta` frodi lejn terzi persuni jew b`mod illi permezz tieghu jonqsu milli jonoraw xi obbligu fuqhom imposti jew miftehma mal-kontropartijiet, imma addirittura sa mill-bidu nett tal-ftehim originali li sar fuq il-kwistjoni tan-negozju li civilment gie kkontrattat originarjament huma sa llum waslu biex joffru ezatt dak li kien mifthiem u mwieghed li jsir, u dan b`mod indipendenti mis-sentenza moghtija fl-4 ta` Dicembru 2017 mill-Prim`Awla tal-Qorti Vicili fl-ismijiet ta` Joseph Mallia u martu Margaret Mallia vs JA&M Developments Ltd. (Citazz Nru. 992/05JRM) li kif diga` gie ccarat, qed tigi llum attakkata b`mod kostituzzjonali ghar-rizultanzi taghha. Inoltre, zgur illi ma hemm ebda raguni jew ragunijiet li huma gravi bizzejjed u dan skont in-natura ta` dak li sehh fl-operazzjonijiet tal-istess kumpannija intimata illi twassal sabiex jigi stradat ix-xoljiment u l-istralc tal-istess. Ghal dawn ir-ragunijiet, kemm it-tieni u t-tielet talbiet kif proposti u mitluba ghandhom jigu michuda u respinti fil-fatt u fid-dritt;*

*4. Illi fir-raba`lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghas-sueccept, b`mod legali skont il-provvedimenti tal-Artikolu 315 tal-Kap. 386, l-intimati fl-istess kapacita` taghhom ta` Diretturi tal-kumpannija JA&M Developments Ltd., li ghandha n-numru ta` registrazzjoni taghha C-29981, ma kkommettew ebda azzjoni civili jew kriminali u dan waqt l-istralc tal-istess kumpannija, ghaliex il-kumpannija stess qatt u fl-ebda hin sa llum ma giet xolta jew stralcjata, kemm volontarjament jew b`ordni tal-Qorti. Allura, ir-raba` talba tar-rikorrenti ma tregix fl-istat tad-dritt u ghandha tigi michuda fit-totalita` taghha;*

*5. Illi fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghas-sueccepit, l-intimati stess fil-kapacita` personali taghhom, gew imharrkin inutilment ghaliex ma ghandhom isofru ebda responsabilita` personali u jigu kkundannati jersqu ghal xi hlasijiet bi flushom personali u b`mod solidali bejniethom, izjed u izjed meta tqis li dak li gie kkuntrattat mar-rikorrenti sar purament u esklussivament bil-vesti ta` JA&M Developments Ltd. (C-29981) u ma kien hemm ebda cirkostanza wahda jew eventwalita` illi huma naqsu fil-mod ta` kif mexxew in-negozju taghha tramite din l-istess kumpannija, kif ser jigi muri wkoll fil-mori ta` dawn il-proceduri. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-hames talba tar-rikorrenti ghandha tigi wkoll respinta u michuda fil-fatt u fid-dritt;*

*6. Salv kull eccezzjoni jew eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez ta` dawn il-proceduri kontra r-rikorrenti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta` Frar 2019, il-partijiet kienu diretti sabiex jittrattaw ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tas-26 ta` Marzu 2019.

Rat id-digriet li tat f`dik l-udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment dwar ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet</u>

### 1. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

<u>**Apparti**</u> kwistjonijiet ta` mertu, l-intimati, bir-raba` eccezzjoni, qeghdin ighidu <u>**fis-sostanza**</u> li r-rikorrenti huma prekluzi milli jressqu r-raba` talba ghal dikjarazzjoni ta` responsabilita` tal-intimati ghal kummerc bi frodi skont l-Art 315 tal-Kap 386, ladarba il-kumpannija de qua mhijiex xjolta u lanqas fi stat ta` stralc. Il-hames talba hija konsegwenzjali ghar-raba`talba ; daqstant iehor hija l-hames eccezzjoni. Tajjeb jinghad illi fir-raba` talba, ir-rikorrenti *inter alia* qeghdin jitolbu li eventwali dikjarazzjoni mill-qorti ta` ksur ta` l-Art 315 tal-Kap 386 issir *fi stadju ulterjuri tas-smigh ta` dan ir-rikors, ossija waqt il-process tal-istralc.*

Il-Qorti sejra tirreferi ghall-Art 315(1) tal-Kap 386 mhux daqstant ghall-fini ta` mertu, izda limitatament sabiex tindirizza l-qofol tal-

provvediment tal-lum.

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*(1)* ***Jekk waqt l-istralc ta' kumpannija*** *sew jekk b'ordni tal-qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-hsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpannija jew ta' kredituri ta' xi persuna ohra jew bil-ghan ta' frodi, il-qorti tista' fuq rikors tar-ricevitur ufficjali, jew tal-istralcjarjun jew ta' xi kreditur jew ta' xi kontributorju tal-kumpannija, jekk jidhrilha xieraq li taghmel hekk, tiddikjara li xi persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, minghajr ebda limitazzjoni ta' responsabbiltà ghal kull jew ghal xi dejn jew responsabbiltajiet ohra tal-kumpannija kif il-qorti tista' tordna.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

Dwar id-disposizzjoni, **Andrew Muscat** jikteb hekk fil-Pag. 259 ta` **Principles of Maltese Company Law** (MUP – 2007) :-

*Although … the fraudulent trading provision appears to be rather wide in its scope, the effectiveness of the provision is unfortunately considerably weakened by the conditions that have to be satisfied for its application. One such condition is that it can* ***only*** *be invoked when the company is in the course of winding up. This is not in itself a very serious* ***impediment****, but it does mean that a creditor or contributory of the company who seeks to utilize the remedy may* ***first*** *have to institute proceedings to have the company dissolved with the delay, expense and inconvenience that such proceedings usually involve.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

L-Art 315(1) tal-Kap 386 huwa mfassal fuq l-**Art 213 tal-UK Insolvency Act 1986**. Id-dottrina Ingliza hija utli ferm ghall-konsiderazzjoni tal-elementi li jsawwru d-disposizzjoni u sabiex issir analizi tal-gurisprudenza. Fl-istess waqt, ghall-**ispecifiku tal-kwistjoni** li qeghda tigi trattata llum, l-esperjenza Ingliza ghandha applikazzjoni limitata, ghaliex filwaqt li fil-ligi taghna, il-jedd li jistitwixxi l-azzjoni jispetta : a) lir-ricevitur ufficjali ; **jew** b) lill-istralcjarju ; **jew** c) lill-kreditur ; **jew** d) lill-kontributorju tal-kumpannija, fil-kaz tal-Insolvency Act 1986, l-azzjoni tispetta **biss** lill-istralcjarju. Dan ifisser illi fil-ligi Ingliza, l-azzjoni ghal kummerc bi frodi tista` tigi promossa **biss** wara li kumpannija tkun xjolta, u l-fatti li jaghtu lok ghall-istanza jirrizultaw fil-kors tal-istralc. Il-fatt li l-mudell tal-ligi taghna kienet l-Insolvency Act 1986, u l-fatt illi z-zewg disposizzjonijiet jirreferu t-tnejn ghal *in the course of winding up of a company,* ghal din il-Qorti, dan

huwa bil-wisq indikattiv illi **anke** fil-hsieb tieghu l-legislatur Malti kien illi l-procediment ikun jista` jigi ntavolat **biss** wara li l-kumpannija tkun giet xjolta u l-fatt tat-tmexxija bil-hsieb ta` frodi jkun riskontrat fil-kors tal-istralc. L-uniku differenza mal-ligi Ingliza kienet illi fil-kaz taghna, il-legislatur ghazel li jaghti d-dritt tal-azzjoni mhux biss lill-istralcjarju izda lil persuni ohra wkoll.

## 2. Il-gurisprudenza citata mill-partijiet

Meta saru s-sottomissjonijiet bil-fomm, iz-zewg nahat ghamlu referenza ghall-gurisprudenza ta` din il-Qorti **kif presjeduta**. Min-naha tal-intimati, in sostenn tal-eccezzjonijiet taghhom, saret referenza ghall-provvedimenti fl-ismijiet : "**Charles Grech & Company Limited vs Firm Camilleri Bros. (Marketing) Limited et**" (Rik. Nru. 488/2013) tal-11 ta` Dicembru 2014 ; u "**Air Malta plc vs CVB Services Limited et**" (Rik. Nru. 1057/2009) tat-30 ta` Marzu 2010, waqt li, min-naha taghhom, ir-rikorrenti ghamlu referenza ghall-provvediment li nghata fil-15 ta` Lulju 2014 fl-ismijiet : "**Med Sea Shipping Agency Limited vs Mad Ltd et**" (Rik. Nru. 1153/2012).

Din il-Qorti tistqarr mill-ewwel illi ma hemm xejn kontradittorju bejn il-provvedimenti citati mill-intimati u dak citat mir-rikorrenti. Kollha jaffermaw il-principju illi fil-kors ta` kawza fejn tintalab mill-qorti dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc ta` kumpannija, m`ghandhomx jinghataw konsiderazzjoni talbiet relatati ma` kummerc bi frodi (Art 315) u/jew kummerc hazin (Art 316). Id-differenza bejn il-provvedimenti citati mill-intimati u dak li ghalih irreferew ir-rikorrenti tirrizulta fil-mod kif kienu mpostati l-eccezzjonijiet. Infatti fil-kaz tal-provvedimenti citati mill-intimati kien hemm eccezzjonijiet precizi li jolqtu fis-sostanza l-intempestivita` ta` talbiet relatati mal-Art 315 u/jew l-Art 316, simili ghal dawk li qeghdin jigu eccepiti mill-intimati fil-kawza tal-lum, mentri fil-kawza citata mir-rikorrenti l-eccezzjonijiet kienu generici u sostanzjalment diretti lejn il-mertu. Fil-kawza citata mir-rikorrenti, l-eccezzjonijiet ma kienux ta` natura pregudizzjali, u allura ta` ostakolu ghall-konsiderazzjoni tat-talbiet, kif kienu l-eccezzjonijiet fil-kawzi citati mill-intimati, u kif qed isir fil-kawza tal-lum. Kien ghalhekk li fil-kawza citata mir-rikorrenti l-qorti hadet il-linja li hadet.

**Din il-Qorti tishaq ghall-fini ta` kjarezza, u skans ta` ekwivoci, li l-gurisprudenza li tindirizza l-kwistjoni li qeghda tkun deciza llum, tenut kont tal-impostazzjoni tal-eccezzjonijiet, hija dik fl-ismijiet : "Charles Grech & Company Limited vs Firm Camilleri Bros.**

**<u>(Marketing) Limited et</u>" (Rik. Nru. 488/2013) tal-11 ta` Dicembru 2014. Dan il-provvediment inghata fi zmien li jigi wara wara dak citat mir-rikorrenti. Il-modalita` tal-provvediment li nghata fil-kawza citata mir-rikorrenti m`ghandux isib applikazzjoni fil-kawza tal-lum. Daqstant ghall-fini ta` kjarezza gurisprudenzjali.**

## <u>Provvediment</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` r-raba` u l-hames eccezzjonijiet.**

**Ghalhekk qeghda tichad ir-raba` u l-hames talbiet, hekk kif intavolati u dedotti fil-procediment tal-lum.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.**

**Thalli l-kawza ghall-provi tar-rikorrenti dwar it-talbiet l-ohra ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 30 ta` Mejju 2019 fl-10.30 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**